



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Ottubru 2020
(OR. en)

11717/1/20
REV 1

SOC 607

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 11087/20	
Suġġett:	Id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Parteċipazzjoni u l-Benesseri ta' Persuni Akbar fl-Età fl-Era tad-Diġitalizzazzjoni Konklużjonijiet tal-Kunsill (9 ta' Settembru)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Parteċipazzjoni u l-Benesseri ta' Persuni Akbar fl-Età fl-Era tad-Diġitalizzazzjoni, kif approvati mill-Kunsill permezz ta' proċedura bil-miktub magħluqa fid-9 ta' Ottubru 2020.

Id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Parteċipazzjoni u l-Benesseri ta' Persuni Akbar fl-Età fl-Era tad-Diġitalizzazzjoni**Konklużjonijiet tal-Kunsill****FILWAQT LI JFAKKAR LI:**

1. L-Unjoni Ewropea ħadet l-impenn li tippreserva d-drittijiet tal-bniedem, li huma indiviżibbli u inerenti għall-bniedem kollha, irrispettivament mill-età, fost l-oħrajn permezz tal-adozzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, speċjalment l-Artikoli 25, 21, 34 u 35 tagħha.
2. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali stabbilixxa, fost affarijiet oħra, prinċipji marbuta ma' kundizzjonijiet ta' għajxien aħjar għal kulħadd, irrispettivament mill-età, u b'mod partikolari: id-dritt għall-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja (Prinċipju 1), li huwa ddikjarat ukoll fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti; id-dritt għal trattament u opportunitajiet indaqs fir-rigward tal-impjiegi, tal-protezzjoni soċjali, tal-edukazzjoni, u tal-aċċess għall-prodotti u s-servizzi disponibbli għall-pubbliku (Prinċipju 3); id-dritt għal protezzjoni soċjali adegwata (Prinċipju 12); id-dritt għal benefiċċji ta' introjtu minimu adegwati (Prinċipju 14); id-dritt tal-ħaddiema u ta' dawk li jaħdmu għal rashom li rtiraw għal pensjoni proporzjonali għall-kontribuzzjonijiet tagħhom, opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel biex jakkwistaw id-drittijiet għall-pensjoni, id-dritt għal riżorsi li jiżguraw l-għajxien b'dinjità (Prinċipju 15); id-dritt għal aċċess f'waqtu għal kura tas-saħħa affordabbli, preventiva u kurattiva ta' kwalità tajba (Prinċipju 16); id-dritt għal servizzi ta' kura fit-tul affordabbli ta' kwalità tajba, b'mod partikolari għal servizzi ta' kura fid-djar u bbażati fil-komunità (Prinċipju 18); kif ukoll id-dritt għal aċċess għal servizzi essenzjali, inkluż il-komunikazzjonijiet diġitali (Prinċipju 20).

3. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha huma impenjati għat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem (ICCPR¹, ICESCR², CERD³, CEDAW⁴, CAT⁵, CRPD⁶, ECHR⁷) li huma applikabbli għal kulħadd, irrispettivament mill-età.
4. Fil-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti, l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea qablu l-Prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti għal Persuni Akbar fl-Età (1991), il-Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali ta' Madrid dwar it-Tixjiħ (2002) u l-Istrateġija ta' Implimentazzjoni Reġjonali għall-Ewropa (2002), kif ukoll id-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Lisbona (2017), fost oħrajn.
5. Il-Kunsill ħa impenn politiku fil-Konklużjonijiet dwar l-"Ekonomija tal-Benesseri" (2019) għall-promozzjoni tat-tagħlim tul il-ħajja u l-kisba tal-vantaġġi tad-diġitalizzazzjoni għall-persuni kollha. L-impenn politiku tal-Kunsill għall-promozzjoni tat-tagħlim tul il-ħajja ġie mtenni fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar "Sfidi Demografiċi – It-Triq 'il Quddiem" (2020), b'enfasi wkoll fuq il-ħiliet meħtieġa fid-dinja diġitalizzata, fuq it-tixjiħ attiv u b'saħħtu u fuq is-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet ta' persuni akbar fl-età. L-Aġenda għall-Ħiliet tal-Kummissjoni Ewropea (2020) tkompli tenfasizza l-importanza li jinkiseb tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd fil-konfront tal-pandemija tal-COVID-19 u jittaffew l-effetti tagħha. Fil-Konklużjonijiet dwar "Il-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali: approċċ integrat" (2016), il-Kunsill appella għal miżuri ta' implimentazzjoni kontra l-esklużjoni soċjali, inkluż miżuri mmirati lejn persuni akbar fl-età.

¹ Il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi.

² Il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali.

³ Il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali.

⁴ Il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa.

⁵ Il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattamenti jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra.

⁶ Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (l-UE hija parti għal din il-Konvenzjoni).

⁷ Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

6. Ir-Rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Impatt tat-Tibdil Demografiku⁸ jidentifika l-istennija tal-għomor itwal bħala żvilupp ewlieni fl-Unjoni, filwaqt li jenfasizza li l-istennija tal-għomor tan-nisa mat-twelid hija 5.5 snin itwal minn dik tal-irġiel; il-persuni akbar fl-età huma l-grupp ta' età li qed jikber l-aktar malajr. Iż-żieda fl-istennija tal-għomor hija abbinata ma' żieda fi snin ta' saħħa tajba. Dan il-grupp ta' età huwa eteroġenu ħafna, minħabba differenzi fis-sitwazzjonijiet tal-ħajja individwali, u spiss hemm fattur qawwi ta' awtodeterminazzjoni. Ir-rapport jindika l-interrelazzjoni bejn it-teħid ta' azzjoni dwar it-tibdil demografiku u l-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19, u jkopri kwistjonijiet bħas-solitudni, l-iżolament soċjali u l-ġhoti ta' aċċess għal servizzi u faċilitajiet essenzjali.
7. Ir-Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet imħejji b'mod konġunt mill-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali jenfasizza li sistemi ta' protezzjoni soċjali adegwati u sostenibbli huma ta' importanza ewlenija għall-persuni akbar fl-età⁹. Ir-Rapport dwar il-Kura fit-Tul imħejji b'mod konġunt minnhom jidentifika wkoll il-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess għal servizzi ta' kura ta' kwalità għal persuni akbar fl-età.
8. Id-diġitalizzazzjoni tinvolvi opportunitajiet u sfidi għall-gruppi kollha tas-soċjetà, inkluż għall-persuni akbar fl-età. Id-diġitalizzazzjoni qdiet rwol importanti biex jintlaħqu l-persuni akbar fl-età matul il-kriżi tal-COVID-19. Ir-rapport tal-Espert Indipendenti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem kollha minn persuni akbar fl-età (2017) u l-influwenza tar-robotika u l-awtomatizzazzjoni ċċentrati fuq il-bniedem fuq id-drittijiet ta' persuni akbar fl-età jenfasizza l-fatt li r-robotika tista' twassal għal avvanzjati importanti għall-awtonomija u l-parteċipazzjoni attiva ta' persuni akbar fl-età. Madankollu, l-avvanzi teknoloġiċi u d-diġitalizzazzjoni għandhom il-potenzjal li jheddu d-drittijiet personali, bħad-dritt għall-privatezza. Barra minn hekk, dinja dejjem aktar diġitalizzata tagħmel il-kompetenza diġitali aktar importanti. Skont ir-rapport, id-diġitalizzazzjoni tista' taggrava l-inugwaljanzi u/jew teskludi ċerti gruppi li għandhom aċċess limitat jew nuqqas ta' aċċess għat-teknoloġija diġitali; l-użu ta' teknoloġija ta' assistenza u r-robotika fil-kura ta' persuni akbar fl-età jista' jikkomprometti d-dinjità tal-utent.

⁸ Rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Impatt tat-Tibdil Demografiku (Ġunju 2020), id-dokument 8991/20.

⁹ Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet tal-2018: l-adeqwatezza attwali u futura tal-introjtu fix-xjuħija fl-UE, Vol. I, id-dokument 9523/18 + ADD 1 + ADD 2.

9. Id-distakk diġitali bejn il-ġenerazzjonijiet huwa sinifikanti u jiżdied mal-età. L-istħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2019¹⁰ juri li persuna minn kull ħamsa (20 %) ta' 75 sena u fuqhom fl-Unjoni tuża l-internet tal-inqas okkażjonalment, meta mqabbla ma' 98 % ta' daww bejn is-16 u d-29 sena. L-istħarriġ tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali¹¹ jindika wkoll id-distakk fl-użu tal-internet għall-aċċess għas-servizzi, fejn persuni akbar fl-età jużaw l-internet inqas għal servizzi bankarji online u x-xiri online (46 % tal-persuni li għandhom 75 sena u fuqhom jixtru minn fuq l-internet tal-inqas okkażjonalment, meta mqabbla ma' 81 % tal-persuni ta' bejn is-16 u d-29 sena). L-istħarriġ jidentifika nuqqas ta' aċċess għas-servizzi tal-internet, kif ukoll nuqqas ta' ħiliet meħtieġa bħala l-ostakli ewlenin biex persuni akbar fl-età jużaw l-internet.
10. Id-data tal-Eurostat¹² turi li d-distakk bejn il-gruppi tal-età f'termini tal-aċċess tagħhom għat-teknoloġiji moderni tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u l-użu tagħhom qed jonqos. Fl-istess ħin, tindika li hemm distakk bejn irġiel akbar fl-età u nisa akbar fl-età fir-rigward tal-użu tat-teknoloġiji diġitali. Minħabba d-disparitajiet fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol bejn in-nisa u l-irġiel u l-għażliet professjonali, l-irġiel akbar fl-età jidhru li huma aktar miftuħa għat-teknoloġiji diġitali min-nisa.

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA LI:

11. L-Unjoni Ewropea stabbiliet miri relatati maċ-ċirkostanzi tal-ħajja ta' persuni akbar fl-età fl-Istrateġija ta' Lisbona taħt id-dimensjoni ta' "Tkabbir Inklużiv", LI l-mira tal-impjiegi tal-Istrateġija Ewropa 2020 tiffoka espliċitament fuq impjegati akbar fl-età U LI, fil-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali, il-Kummissjoni ħadet l-impenn li tivvaluta jekk is-sistemi tas-sigurtà soċjali humiex xierqa u sostenibbli u kif ittejjeb l-aċċess għas-sistemi tas-saħħa, daww soċjali u tal-kura fit-tul.

¹⁰ Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, *What do Fundamental Rights Mean for People in the EU* (Xi jfissru d-Drittijiet Fundamentali għan-Nies fl-UE), Lussemburgu 2020, Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali – Stħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali.

¹¹ Sommarju ta' dan l-istħarriġ fir-rigward ta' "Persuni akbar fl-età u d-diġitalizzazzjoni" huwa mistenni li jiġi ċċirkolat sal-aħħar ta' Settembru 2020; id-data sħiħa tal-istħarriġ ser tiġi ppubblikata aktar tard din is-sena.

¹² Eurostat, Ageing Europe. Looking at the lives of older people in the EU (It-Tixjiħ tal-Ewropa, Harsa lejn il-ħajja ta' persuni akbar fl-età fl-UE), 2019, p. 134.

12. Fil-"Konklużjonijiet dwar it-Tixjiġ Aktiv" (2010), il-Kunsill appella għal "Sena Ewropea għat-Tixjiġ Aktiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet 2012" u, fl-2012, approva l-"Prinċipji dwar it-Tixjiġ Aktiv". L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ddikjarat is-snin 2020-2030 bħala d-"Deċennju tat-Tixjiġ b'Saħħtu".
13. Il-Kunsill, fil-"Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-appoġġ għall-persuni li jgħixu bid-demenzja: it-titjib tal-politiki u l-prassi tal-kura" (2015), appella lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex isaħħu d-drittijiet tal-persuni li jgħixu bid-demenzja u jippermettu lin-nies jixjieħu b'dinjità.
14. Matul ir-Raba' Konferenza Ministerjali tal-UNECE dwar it-Tixjiġ, il-Ministri bdew iħaddmu d-Dikjarazzjoni ta' Lisbona tagħhom għal "Soċjetà Sostenibbli għall-etajiet kollha: It-tweġġ tal-potenzjal ta' ħaġġa itwal" u impenjaw ruħhom li jappoġġaw l-aċċess għat-tagħlim tul il-ħaġġa u l-estensjoni tiegħu u l-iżvilupp tal-ħiliet bħala rekwiżit għal ħaġġa mimlija fi kwalunkwe età; l-edukazzjoni, il-parteċipazzjoni soċjali u t-tagħlim tul il-ħaġġa – flimkien mal-użu dirett tal-għarfien u l-ħiliet għal skopijiet professjonali – iwasslu għal kwalità u tgawdija tal-ħaġġa aħjar, jinkoraġġixxu lill-persuni akbar fl-età biex jinvolvu ruħhom b'mod attiv fil-ħaġġa soċjali, kulturali u politika u jippromwovu l-interazzjoni u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet.
15. Fl-2010, il-"Grupp ta' Ħidma Miftuħ dwar it-Tixjiġ" tan-Nazzjonijiet Uniti (OEWG-A), ġie stabbilit bir-riżoluzzjoni 65/182 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU bil-mandat li jsaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem ta' persuni akbar fl-età billi jikkunsidra l-qafas internazzjonali eżistenti fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem ta' persuni akbar fl-età sabiex jidentifika lakuni possibbli u jiddetermina kif dawn jistgħu jiġu indirizzati bl-aktar mod effettiv possibbli, inkluż il-valutazzjoni, kif xieraq, tal-fattibbiltà ta' aktar strumenti u miżuri; fl-2014, il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jaħtar Espert Indipendenti dwar it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem kollha minn persuni akbar fl-età u li jisma' r-rakkomandazzjonijiet tiegħu jew tagħha.

FILWAQT LI JIRRIKONOXI LI:

16. Id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha kif minquxa fit-trattati dwar id-drittijiet tal-bniedem huma universali, indiviżibbli, interdipendenti u interrelatati; huma applikabbli għal nisa u rġiel akbar fl-età bħalma japplikaw għal kwalunkwe bniedem u għandhom ukoll jiġu ggarantiti mingħajr eċċezzjoni għal persuni akbar fl-età. B'mod partikolari, dan jinkludi d-dritt fundamentali għal trattament ugwali – irrispettivament mill-età – speċjalment fir-rigward tal-protezzjoni u l-ġoti ta' appoġġ lil dawk li għandhom bżonnu. Dan tal-ewwel jgħodd ukoll matul kriżijiet tas-saħħa, bħall-pandemija tal-COVID-19, li matulha l-aċċess għal kura tas-saħħa affordabbli ta' kwalità tajba huwa ta' importanza kbira.
17. Persuni akbar fl-età kkontribwew b'mod konsiderevoli għall-funzjonament ta' soċjetajiet ħielsa u demokratiċi permezz tas-solidarjetà u jkomplu jagħmlu dan. Skont il-pubblikazzjoni tal-Eurostat "Ageing Europe" (It-Tixjiħ tal-Ewropa), il-persuni akbar fl-età jiddedikaw ħafna ħin għal xogħol bla ħlas. Mill-persuni akbar fl-età, bejn il-65 u l-74 sena, aktar minn persuna minn kull ħamsa tipparteċipa f'volontarjat formali. Persuni ta' 75 sena u fuqhom jibqgħu involuti ħafna, sakemm tippermettilhom saħħithom. Barra minn hekk, speċjalment in-nisa akbar fl-età jipprovdu xogħol ta' kura bla ħlas, prinċipalment fi ħdan il-familji tagħhom, kemm jekk jieħdu ħsieb is-sieħeb jew sieħba tagħhom jew jieħdu ħsieb it-tfal, u b'hekk jappoġġaw il-ġenerazzjoni ta' età medja biex jibbilanċjaw ix-xogħol u l-ħajja tal-familja. Matul il-pandemija tal-COVID-19, persuni akbar fl-età wettqu kompiti għall-komunità, jew billi marru lura għax-xogħol mill-irtirar bħala persunal mediku jew infermiera, jew wettqu servizzi volontarji biex inaqqsu l-piż lil ħaddieħor fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.
18. Il-parteeipazzjoni ta' persuni akbar fl-età fis-suq tax-xogħol żdiedet f'xi Stati Membri permezz ta' diversi miżuri, bħat-titwil tal-ħajja tax-xogħol, l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet volontarji li jestendu l-età tal-irtirar, tixjiħ li jkun attiv u b'saħħtu, it-titjib tal-aċċessibbiltà u akkomodazzjoni raġonevoli jew l-offerta ta' tranżizzjonijiet flessibbli u gradwali għall-irtirar.

19. Il-persuni akbar fl-età huma affettwati aktar minn oħrajn mill-miżuri meħuda biex titrażżan il-pandemija tal-COVID-19, kif muri fil-bullettini tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u r-rapporti taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)¹³. Minħabba l-età akbar tagħhom u l-prevalenza ogħla ta' kundizzjonijiet tas-saħħa sottostanti, huma jinsabu f'riskju ogħla ta' kumplikazzjonijiet serji tas-saħħa jekk ilaqqtu din il-marda. Il-miżuri meħuda biex titrażżan il-pandemija, bħar-regoli tat-tbeġħid soċjali, il-miżuri ta' lockdown, l-għeluq tal-istituzzjonijiet eċċ., jaffettwaw ħafna lill-persuni akbar fl-età. Fost affarijiet oħra, persuni li jgħixu fi djar tal-kura, li l-maġġoranza tagħhom huma anzjani u li għandhom ħtiġijiet mediċi u/jew diżabilità, ma kinux permessi, u spiss dan għadu l-każ, li jkollhom viżitaturi, inkluż qraba. Barra minn hekk, huma sofrew minn restrizzjonijiet minħabba nuqqas ta' persunal. Persuni akbar fl-età li jgħixu waħedhom, minħabba lockdown u miżuri oħra, kienu qed jiffaċċaw diffikultajiet biex jieħdu ħsieb l-affarijiet ta' kuljum. Il-provvista ta' servizzi tal-kura tas-saħħa mhux relatati mal-COVID-19 u mal-kura tal-pazjenti ta' barra wkoll tnaqqset. Persuni anzjani ħafna, b'mod partikolari, ħafna drabi ma jkollhomx aċċess għall-komunikazzjoni diġitali u ma jipparteċipawx fiha, u b'hekk iħabbtu wiċċhom ma' restrizzjonijiet addizzjonali f'termini ta' aċċess għall-informazzjoni, l-interazzjoni soċjali u l-parteċipazzjoni.
20. Il-persuni akbar fl-età għandhom dritt għal parteċipazzjoni sħiħa fil-ħajja pubblika, soċjali u kulturali, kif ukoll fl-edukazzjoni, it-taħriġ kontinwu u t-tagħlim tul il-ħajja. L-attività diġitali tiggarrantixxi dejjem aktar parteċipazzjoni u inklużjoni soċjali, kulturali u ekonomiċi attivi, u tgħin fil-prevenzjoni tal-iżolament soċjali, u mhux biss fi żminijiet ta' pandemija. Għal xi persuni akbar fl-età d-diġitalizzazzjoni tista' tkun ukoll ostaklu. Għalhekk, hemm bżonn li jittejbu l-ħiliet diġitali u l-aċċessibbiltà tas-servizzi diġitali.

¹³ Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, Coronavirus pandemic in the EU – Fundamental Rights Implications – Bulletin 3, Lussemburgu 2020, <https://fra.europa.eu/en/publication/2020/covid19-rights-impact-june-1> u ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, <https://www.ecdc.europa.eu/en/covid-19-pandemic>.

FILWAQT LI JILQA' L-FATT LI:

21. L-Istati Membri għamlu progress notevoli fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali fl-implimentazzjoni tal-għaxar impenji tal-RIS/MIPAA tan-NU/KEE¹⁴, li fost affarijiet oħra tappella għall-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, in-negliġenza, l-abbuż u l-vjolenza kontra persuni akbar fl-età.
22. Bħala parti għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, l-Istati Membri kollha u l-UE għandhom jiżguraw fil-kompetenzi rispettivi tagħhom li l-miżuri kollha relatati mat-tehdid ta' deċiżjonijiet u l-kapaċità legali ta' persuni akbar fl-età b'diżabilità (inkluż limitazzjonijiet possibbli li jistgħu jkunu meħtieġa għall-protezzjoni tagħhom) jinkludu skemi ta' protezzjoni adegwati u effettivi għall-prevenzjoni tal-abbuż;

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, FL-OQSMA TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM U FIL-LIVELLI XIERQA, B'KUNSIDERAZZJONI XIERQA GĦALL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEX:

23. JADOTTAW approċċ li jintegra l-età b'perspettiva għat-tixjiħ bbażata fuq id-drittijiet u ċ-ċiklu tal-ħajja, b'kont meħud tad-differenzi bejn in-nisa u l-irġiel, pereżempju permezz tal-promozzjoni ta' komunikazzjoni u immaġnijiet pożittivi dwar it-tixjiħ, enfasi fuq l-opportunitajiet u l-isfidi tat-tixjiħ, kif ukoll rikonoxximent tal-firxa wiesgħa ta' differenzi bejn persuni akbar fl-età u fehim akbar tal-kontribut li l-persuni akbar fl-età jagħtu għall-koeżjoni soċjali u l-ekonomija;
24. JIKKUNSIDRAW approċċ ibbażat fuq id-drittijiet fit-tfassil tal-istrateġiji ta' ħruġ tagħhom mill-pandemija tal-COVID-19;

¹⁴ L-Istrateġija ta' Implimentazzjoni Reġjonali għall-Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali ta' Madrid dwar it-Tixjiħ għar-Reġjun tan-NU/KEE.

25. JIKKUNSIDRAW li l-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-persuni akbar fl-età huma differenti minn xulxin u jiddependu minn diversi ċirkustanzi u fatturi. Dan għandu jittqies meta jiġu żviluppati politiki effettivi li jaffettwaw direttament jew indirettament lill-persuni akbar fl-età;
26. ISAĦĦU l-inklużjoni soċjali u s-solidarjetà reċiproka bejn il-ġenerazzjonijiet u JINTEGRAW it-tixjiħ fl-oqsma kollha ta' politika sabiex jgħinu lis-soċjetajiet u lill-ekonomiji jadattaw b'mod xieraq għat-tibdil demografiku bil-ħsieb li jiżviluppaw soċjetajiet li jakkomodaw il-ħtiġijiet u l-interessi tal-persuni ta' kull età;
27. JISSENSIBILIZZAW lill-ġenerazzjonijiet żgħażaġh għall-kontributi siewja tal-persuni akbar fl-età lejn is-soċjetà, u b'hekk isaħħu r-rabtiet interġenerazzjonali u jnaqqsu l-etaiżmu;
28. JINVOLVU B'MOD ATTIV lill-persuni akbar fl-età, b'mod partikolari lin-nisa akbar fl-età, fil-proċessi kollha tat-teħid ta' deċiżjonijiet li jaffettwaw ħajjithom u JIBBILANĊJAW il-benefiċċji u r-riskji ta' dawn id-deċiżjonijiet f'kull każ individwali mar-rispett sħiħ tad-drittijiet u l-parteċipazzjoni tal-persuni akbar fl-età, b'kont meħud ta' bilanċ u solidarjetà adegwati bejn il-ġenerazzjonijiet;
29. IKOMPLU JIŻVILUPPAW, fejn xieraq, mekkaniżmi għall-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fit-teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward ta' persuni akbar fl-età fid-dinja diġitali;
30. JIŻGURAW li l-miżuri protettivi meħtieġa fi żminijiet ta' kriżi tas-saħħa jkunu proporzjonati sa fejn tali miżuri jaffettwaw id-drittijiet, l-interessi u l-benesseri tal-persuni akbar fl-età, speċjalment is-saħħa psikoloġika u l-kwalità tal-ħajja tagħhom;
31. JIPPROVDU protezzjoni soċjali adegwata għall-persuni akbar fl-età kollha b'attenzjoni speċjali għall-gruppi partikolarment vulnerabbli, sabiex fost l-oħrajn jiġi evitat il-faqar fost il-persuni akbar fl-età;
32. JIPROMWOVU t-tixjiħ attiv u b'saħħtu – inkluż bl-użu tal-impatt pożittiv tat-teknoloġija diġitali fis-servizzi pubbliċi, pereżempju fis-saħħa u s-servizzi soċjali – u ħajja tax-xogħol itwal, pereżempju billi jippermettu l-irtirar tard volontarju, u tranżizzjonijiet flessibbli u gradwali għall-irtirar;

33. JAPPOĠĠAW u JSAĦĦU forom differenti ta' edukazzjoni u taħriġ, opportunitajiet ta' taħlim tul il-ħajja u l-iżvilupp ta' ħliet, inkluż ħliet teknoloġiċi u diġitali. Dawn huma importanti ħafna għall-parteċipazzjoni fid-dinja diġitali u fil-ħajja soċjali u jenħtieġ li jintużaw ukoll biex jindirizzaw id-distakk diġitali bejn in-nisa u l-irġiel;
34. ISAWRU d-diġitalizzazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' servizzi pubbliċi bħas-servizzi tas-saħħa, dawk soċjali u tal-kura fit-tul, b'tali mod li dawn is-servizzi jkunu faċilment aċċessibbli, faċli għall-utent, u kemm jista' jkun bi ftit li xejn ostakli, filwaqt li jiġi żgurat li jinżammu s-servizzi mhux diġitali. Jeħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lid-drittijiet (inkluż id-drittijiet tal-protezzjoni tad-data) u l-ħtiġijiet tal-persuni akbar fl-età, inkluż il-persuni akbar fl-età b'diżabilità. B'mod partikolari, l-oġġettiv huwa li
- a) JIKKONTRIBWIXXU għat-tnaqqis tal-iżolament soċjali permezz ta' forum ta' komunikazzjoni diġitali ta' kwalità għolja, aċċessibbli u faċli biex jintużaw;
 - b) JIFFAĊILITAW, fejn possibbli, aċċess online faċli għal firxa wiesgħa ta' faċilitajiet kulturali, edukattivi u ta' taħlim, bħal libreriji, seminars, tipi differenti ta' klassijiet, fosthom korsijiet tal-lingwa, sabiex jitbaxxa l-limitu għall-persuni b'diżabilità, li spiss ikunu persuni akbar fl-età;
 - c) JIPPERMETTU l-parteċipazzjoni remota f'avvenimenti soċjali, edukattivi u kulturali;
 - d) JIPPERMETTU l-parteċipazzjoni fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi, inkluż l-elezzjonijiet, jekk dawn ikunu organizzati b'mod diġitali;
 - e) JAPPOĠĠAW lill-persuni akbar fl-età fl-iżvilupp ta' ħliet diġitali, inkluż l-użu sikur u responsabbli tat-teknoloġiji diġitali permezz ta' inizzjattivi speċifiċi ta' taħlim tul il-ħajja tal-grupp fil-mira;
 - f) JASSISTU u JAGĦTU S-SETGĦA lill-persuni akbar fl-età fir-rigward tal-kompiti u s-sitwazzjonijiet ta' kuljum, bħax-xiri, il-komunikazzjoni u l-kuntatti mal-ħbieb u l-familja u l-interazzjoni soċjali ma' oħrajn, permezz ta' prodotti u infrastruttura diġitali aċċessibbli;

- g) IKOMPLU JTEJBU l-parteċipazzjoni ekonomika billi jipprovdu aċċess sikur għall-kummerċ elettroniku u għal servizzi bankarji online kif ukoll billi jtejbu l-għarfien tal-persuni akbar fl-età dwar id-drittijiet tal-konsumaturi, b'mod partikolari fil-kummerċ elettroniku;
 - h) JAGĦMLU DISPONIBBLI u JISSIMPLIFIKAW is-servizzi tat-telemediċina u l-użu ta' għodod relatati mas-saħħa li jaħdmu b'mod diġitali bħala għażla addizzjonali għall-persuni fi kwalunkwe età, biex b'hekk jitnaqqas ir-riskju ta' infezzjonijiet li jirriżultaw minn kuntatt dirett ma' persuni morda f'żoni ta' stennija u jiġi ffaċilitat l-aċċess għal pariri mediċi u soċjali;
 - i) JINDIRIZZAW l-isfidi li jirriżultaw minn domanda dejjem tikber għall-kura fit-tul minħabba t-tixjiħ u JESPLORAW kif id-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġija tal-benesseri jistgħu jiġu integrati aħjar fis-servizzi tal-kura biex jittejbu l-aċċessibbiltà u l-għoti ta' servizzi, bħat-teleassistenza, filwaqt li jiġu inklużi fil-proċess il-partijiet ikkonċernati, il-pazjenti, kif ukoll is-sħab soċjali;
 - j) JIŻGURAW li kwalunkwe apparat ta' traċċar użat matul il-kriżijiet tas-saħħa jkun, kemm jista' jkun, mingħajr ostakli, aċċessibbli u faċli biex jintuża, kif ukoll f'konformità mar-regolamenti dwar il-protezzjoni tad-data u b'hekk ikun jista' jitħaddem faċilment bil-għan li ma jikkompromettix b'mod sproporzjonat il-libertà tal-moviment ta' ċerti gruppi ta' età;
 - k) JIŻGURAW li s-servizzi pubbliċi jkunu trasparenti biex jiggarantixxu futur aktar reżiljenti u diġitali għall-benefiċċju ta' persuni akbar fl-età;
35. JESPLORAW il-benefiċċji ta' ppjanar urban u rurali intelliġenti, infrastrutturi tal-mobbiltà pubblika u djar intelliġenti biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni ta' persuni akbar fl-età fil-ħajja soċjali, ekonomika u kulturali, inkluż persuni akbar fl-età b'diżabbiltà, u joffru mudelli ġodda ta' tixjiħ pożittiv filwaqt li tingħata s-setgħa lill-persuni akbar fl-età biex iżommu l-indipendenza, il-benesseri u kwalità ta' ħajja aħjar;

36. JISTINKAW BIEX JIŻGURAW li d-diġitalizzazzjoni tkun proċess inklużiv li jtejjeb l-aċċess għas-servizzi u li l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà (EAA)¹⁵ jiġi implimentat b'mod sħiħ u f'waqtu, u JIEĦDU MIŻURI OĦRA biex id-diġitalizzazzjoni ssir aċċessibbli għal kulħadd;
37. JIŻGURAW, permezz ta' mezzi alternattivi, li daww li ma jistgħux jużaw it-teknoloġiji diġitali b'mod sħiħ jistgħu jgawdu l-istess drittijiet bħal gruppi oħra tal-popolazzjoni;
38. JIEĦDU KONT tad-diskussjonijiet tal-Konferenza Konġunta tal-AGE Platform Europe, BAGSO¹⁶ u l-Presidenza Ġermaniża fit-tfassil ulterjuri tal-politika dwar id-drittijiet ta' persuni akbar fl-età;
39. JIGGARANTIXXU d-dritt għall-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul, f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż l-aċċess għall-kura tas-saħħa fuq bażi uguali, li huwa bbażat fuq kunsens infurmat u speċifiku, u JIBBAŻAW id-deċiżjonijiet fi kwistjonijiet mediċi fuq prinċipji etiċi li jiffukaw fuq id-dinjità inerenti tal-bniedem, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-kisba tal-ogħla standard ta' benesseri, kif ukoll fuq il-kisba tal-ogħla kwalità tal-ħajja possibbli. Kriterji bħall-età ta' persuna m'għandhomx ikunu l-uniku fattur determinanti għall-aċċess jew il-kontinwazzjoni tas-servizzi tal-kura tas-saħħa iżda jenħtieġ li jiġu applikati biss fil-kuntest ta' valutazzjoni klinika tal-kundizzjoni tas-saħħa ta' pazjent individwali;
40. JUŻAW il-fondi tal-UE, b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew u l-miżuri ta' politika reġjonali u strutturali, biex jiffaċilitaw it-tixjiħ attiv u indipendenti fis-sens ta' parteċipazzjoni tul il-ħajja, speċjalment fid-dinja diġitali u l-appoġġ tal-awtonomija ta' persuni akbar fl-età, pereżempju billi jtejjbu s-servizzi soċjali u l-infrastruttura ta' kwalità affordabbli kif ukoll billi jappoġġaw lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż l-atturi pubbliċi lokali u reġjonali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jimplimentaw dawn il-miżuri fejn jgħixu l-persuni akbar fl-età;

¹⁵ Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi, ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70-115.

¹⁶ Bundesarbeitsgemeinschaft der Seniorenorganisationen (l-Assoċjazzjoni Nazzjonali Ġermaniża tal-Organizzazzjonijiet taċ-Ċittadini Anzjani).

41. IQISU d-data komparabbli rilevanti, diżaggregata skont is-sess, dwar id-drittijiet u s-sitwazzjoni tal-persuni akbar fl-età, bħall-ġbir u l-analiżi tad-data tal-Eurostat "Ageing Europe" fl-iżvilupp ta' miżuri ta' politika ulterjuri; u
42. IKOMPLU JIKKONTRIBWIXXU għal-laqqgħat tal-OEWG-A tan-NU u l-proċess tan-NU/KEE; IŻIDU L-ENFASI fuq l-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem tal-politika esterna tal-UE f'dan il-qasam;

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX:

43. TIKKUNSIDRA li tiddedika kapitolu tal-"Green Paper dwar it-Tixjiħ" tagħha għad-drittijiet tal-persuni akbar fl-età inkluż persuni akbar fl-età b'diżabilità, b'enfasi partikolari fuq l-għoti kemm jista' jkun sħiħ ta' awtonomija u parteċipazzjoni fis-soċjetà lil persuni akbar fl-età, filwaqt li jittieħed kont tal-aspetti tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, b'fokus speċjali fuq in-nisa akbar fl-età; TIFFOKA fuq it-tixjiħ bħala opportunità għas-soċjetajiet u fuq kif dan jista' jservi bħala bażi għal aktar miżuri ta' politika f'dan il-qasam;
44. TKOMPLI TAPPOĠĠA lill-Istati Membri f'azzjonijiet immirati lejn il-prevenzjoni tal-mard kroniku, il-promozzjoni tas-saħħa, il-ġestjoni tad-diżabilità u t-tisħiħ tal-iżvilupp ta' politiki tal-kura tas-saħħa fit-tul, b'enfasi fuq id-diġitalizzazzjoni, kif ukoll biex tingħata s-setgħa lill-persuni akbar fl-età biex jużaw it-teknoloġiji diġitali biex jimmonitorjaw aħjar is-saħħa tagħhom b'mod indipendenti;
45. TKOMPLI l-kompilazzjoni tad-data permezz tal-Eurostat billi tipprovdi sett ta' data komparabbli u diżaggregata madwar l-Unjoni kollha, bħall-analiżi tal-Eurostat "Ageing Europe", bħala bażi għat-tfassil tal-politika futura;

46. TEŻAMINA L-ISTABBILIMENT ta' pjattaforma diġitali dwar "Il-parteċipazzjoni u l-volontarjat wara l-ħajja tax-xogħol", li tista' tkun marbuta ma' proġetti eżistenti mmirati lejn l-involvement ċiviku Ewropew. Din il-pjattaforma tista' tipprovdi inċentivi u informazzjoni għal persuni akbar fl-età biex jinvolve ruħhom f'xogħol volontarju transkonfinali bl-użu tal-għarfien, il-ħiliet u l-kapaċitajiet miksuba tagħhom. Barra minn hekk, tista' tinforma lill-awtoritajiet lokali u atturi oħra dwar strateġiji u proġetti biex jinvolve persuni akbar fl-età f'xogħol volontarju u tipprovdi spazju għal persuni interessati biex jirċievu aktar gwida dwar is-sejbien ta' opportunitajiet ta' volontarjat.
47. TIPFROMWOVI aktar skambji interġenerazzjonali, permezz ta' attivitajiet ta' volontarjat, li jistgħu jipprovdu opportunitajiet għaż-żgħażaġh biex jappoġġaw u jinteraġixxu ma' persuni akbar fl-età, inkluż billi jibnu fuq programmi rilevanti tal-UE, bħall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, li huwa maħsub biex jgħin liż-żgħażaġh jagħtu kontribut sinifikattiv lis-soċjetà filwaqt li jiksbu kompetenzi u ħiliet siewja għall-iżvilupp personali u professjonali tagħhom;
48. JIKKUNSIDRAW kapitulu separat dwar persuni akbar fl-età fil-"Pjan ta' Azzjoni dwar l-Implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali" tal-2021 imħabbar, li jivvaluta kif il-miżuri fil-livell tal-UE jistgħu jitfasslu biex jiksbu u jsaħħu l-awtonomija ta' persuni akbar fl-età fiż-żminijiet ta' diġitalizzazzjoni u jippromwovu l-parteċipazzjoni ta' persuni akbar fl-età fil-ħajja attiva u fit-tiswir tas-soċjetà, u b'hekk itejbu l-benesseri f'età avvanzata. Dan għandu jinkludi miżuri biex tissaħħaħ il-parteċipazzjoni fil-proċessi demokratiċi, u miżuri rilevanti oħra stabbiliti fil-paragrafu 34. Din il-valutazzjoni tista' tintuża mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri kif ukoll mill-organizzazzjonijiet involuti; u
49. TKOMPLI, flimkien mal-Komitat tal-Protezzjoni Soċjali, l-analiżi komparattiva tagħha tas-sostenibbiltà u l-adeqwatezza tas-sistemi tal-pensjonijiet fl-UE permezz tar-rapporti dwar l-adeqwatezza tal-pensjonijiet;

JISTIEDEN LILL-AĠENZIJA GĦAD-DRITTIIJET FUNDAMENTALI BIEX:

50. TESPLORA l-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq id-drittijiet fundamentali, il-parteċipazzjoni attiva u l-benesseri tal-persuni akbar fl-età; u
51. TIPPROVDI kontribut u għarfien espert lill-Istati Membri fil-qafas tas-Sottogrupp dwar id-Data tal-Ugwaljanza (Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità) dwar il-għbir ta' data diżaggregata li titfa' dawl fuq l-inugwaljanzi relatati mal-età, inkluż id-distribuzzjoni tad-data skont il-kuntest soċjoekonomiku;

JISTIEDEN LILL-KUMITAT TAL-PROTEZZJONI SOĊJALI BIEX:

52. IKOMPLI JRAWWEM approċċ ta' tul il-ħajja kollha fir-riflessjonijiet tiegħu dwar l-oqsma ta' politika fil-kompetenza tiegħu;
53. IKOMPLI JIPPROMWOVI t-tagħlim reċiproku u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki dwar kif jiġu indirizzati aħjar il-ħtiġijiet u jiġu żgurati l-benesseri u l-ħajja b'dinjità tal-persuni akbar fl-età kif ukoll l-aċċess tagħhom għad-dinja diġitali; u
54. IKOMPLI L-ĦIDMA tiegħu, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, marbuta mal-mekkaniżmu għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar l-Aċċess għall-Protezzjoni Soċjali għall-Ħaddiema u għall-Persuni li Jaħdmu għal Rashom.